# SERVIZZI FIN-NADUR

Minn hawn u ftit ieħor se nqassmulkom ktejjeb ta' siwi kbir għal min ikun qiegħed ifittex indirizz jew numru tat-telefown/mowbajl ta' xi negozju jew servizz li joffru nies min-Nadur u fin-Nadur u persuni oħrajn minn barra min-Nadur.



Dan il-ktejjeb qegħdin nagħmluh għall-benefiċċju tagħkom. Se nippruvaw inqassmuh f'kull dar. Il-ktieb li jismu "Kuntatti utli", ġie mitbugħ sabiex jgħinkom issibu n-numru tal-kuntatt għal xi negozju jew servizz li jkollkom bżonn.

Dan il-ktejjeb qegħdin nagħtuhulkom bħala servizz tal-parroċċa lilkom u anke biex niġbru xi fondi għaċ-Ċentru Parrokkjali. Nitolbukom sabiex tagħtu l-offerta tagħkom lil dawk li se jqassmulkom il-ktejjeb fil-jiem u l-ġimgħat li ġejjin.

Bħalissa qegħdin niġbru l-fondi sabiex nagħmlu l-ewwel ħlas għal-lift li se jiġi installat fiċ-Ċentru Pastorali. Għalhekk kull offerta li intom tagħmlu se tgħin ukoll biex kulħadd ikollu aċċess għal kull sular taċ-Ċentru u dan ikun jinkludi l-persuni li għandhom diffikultà biex jitilgħu t-turġien.



***L-Arċipriet***

## ROKNA EKOLOĠIKA



In-nemel jgħixu jaħdmu ma' xulxin u għal xulxin. Xi wħud huma ħaddiema, oħrajn għassiesa u mbagħad hemm in-nemla reġina. Jgħidu li 140 miljun sena ilu, in-nemel u n-naħal evolvew mill-istess insett. Il-ktieb tal-Proverbji għandu kliem ta' tifħir għan-nemel. "Mur għand in-nemla ja għażżien, ara kif tgħix, u tgħallem minnha" (Proverbji 6,6).

## AVVIŻI OĦRA:

**LAQGĦA FUQ IT-TALB U L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa li ġej, 19 ta' Awwissu, fis-6.00pm, fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl. Din il-laqgħa se titmexxa minn Kan. Dun Reuben Micallef. Kulħadd huwa mistieden.

**QUDDIESA FIL-BERAĦ FI TRIQ IT-TRAMUNTANA:** nhar il-Ġimgħa 21 ta' Awwissu fit-8.00pm fl-okkażjoni tat-Tifkira tal-Verġni Mqaddsa Marija Reġina. Din il-quddiesa fil-beraħ se tiġi ċċelebrata quddiem ix-xbieha tal-Madonna tal-Midalja Mirakoluża u se tkun immexxija minn Kan. Dun Reuben Micallef. Waqt il-quddiesa tinġabar il-ferta. Titqassam tifkira tal-okkażjoni. Kulħadd huwa mistieden.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:30pm; 7:15pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 6:00pm; 7:30pm

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am